MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 775/2006

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Venus Chircop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-25 ta` Awwissu, 2006 fejn intalab li l-konvenut kellu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` hames mija u sebghin lira u erbgha u disghin centezmu (Lm570.94) in konnessjoni ma` servizz tat-telefon li jgib in-numru 21677138 kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti u mmarkati bhal Dok. A, Dok. B u Dok. C.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta ghal kontestazzjoni ta` l-istess talba.

Sema` x-xhieda ta` Dr. Keith Grech li ddikjara sollennement li l-ammont kien ghadu dovut sal-gurnata ta` llum.

Ra li l-konvenut ghalkemm imsejjah tlett darbiet baqa` ma deherx sabiex jikkontesta t-talba attrici.

Ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut Venus Chircop ihallas is-somma ta` hames mija u sebghin lira u erba` u disghin centezmu (Lm570.94), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------